**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**7 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 18/2019**

**Christian Borg**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Christian Borg** datat 6 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

1. *Illi l-esponent huwa d-detentur ta' Public Service Garage Permit Numru 52/91, Princess Garage, B'Kara Road, San Ġiljan u jopera taħt dan il-permess servizz ta' kiri tal-karozzi taħt il-franchise internazzjonali "Goldcar" u "Rhodium" abbażi ta' Master Franchise Agreement illi huwa għandu ma Goldcar Master SL ta' Spanja.*

2. *Illi dan in-negozju llum jinvolvi l-kiri ta' 'il fuq minn elf u mitejn (1200) karozza.*

3. *Illi b'ittra datata 17 ta' Jannar 2019 hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok A,** *l-Awtorita' għat Trasport f'Malta ("l-Awtorita") issospendiet l-awtorizzazzjoni tal-public service garage licence tar-rikorrent fuq indikata b'effett immedjat fuq l-allegazzjoni illi "there exists serious grounds which warrant the immediate suspension of your authorisation".*

4. *Illi l-Awtorita' intimata bbażat is-sospensjoni mmedjata tal-public service garage licence tar-rikorrent fuq l-artikolu 7(2) tal-L.S.499.58 li jipprovdi illi:*

   *"(2) L-Awtorita' tista' f'kull ħin u fuq bażi raġonevoli tissospendi, tirtira jew tħassar awtorizzazzjoni billi tagħti lil operatur avviż bil-miktub li fih tagħti r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni, irtirar jew tħassir, iżda kemm-il darba ma jkunx hemm mġiba ħażina jew negliġenza jew raġunijiet aktar serji għal sospensjoni, teħid lura jew tħassir immedjat, id-data operattiva ta' dak l-avviż m'għandhiex tkun inqas minn tmienja u għoxrin ġurnata mid-data tal-avviż."*

5. *Illi skond l-Awtorita din id-deċisjoni ttieħdet wara li l-istess Awtorita allegat illi : "over the past years, received, and continue to receive numerous, repeated and extremely serious complaints of malpractices from clients who have hired a car from 'Goldcar' in Malta and have, in one way or another, felt aggrieved, abused, swindled or cheated by your car hire agency" u illi "Said complaints have been and continue to be lodged with the Malta Tourism Authority, the Consumer Affairs Division of the MCCAA, the Executive Police and Transport Malta" u inoltre allegat ukoll li "Transport Malta had taken action against you which had not been stepped up following commitments made from your end to address the situation and to ensure that such malpractices do not continue" iżda "This notwithstanding the above-mentioned authorities have continued to receive against 'Goldcar' whereby it is clear that you have failed completely from honouring your undertaking to operate in a proper, professional and correct manner."*

6. *Illi b'konsegwenza ta' tali sospensjoni l-Awtorita appellat tat struzzjonijiet lir-rikorrent sabiex jieqaf minnufih milli jikri vetturi taħt il-liċenzja fuq imsemmija u nfurmatu wkoll li kwalsiasi liċenzja u/jew awtorizzazzjoni li kellu ma kentix ser tiġi mġedda u li lanqas ma kienu ser jiġġeddu l-liċenzji tal-vetturi tiegħu.*

7. *Illi l-esponent in linea legali jissottometti li d-deċisjoni ta' sospensjoni tal-liċenzja meħuda mill-Awtorita ntimata hija bi ksur tal-**artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** nkwantu s-sospensjoni ta' liċenzja ta' operar ta' negozju ta' kiri ta' vetturi, partikolarment meta fil-każ odjern għandu effett preġudizzjevoli enormi għar-rikorrent, għandu jitqies sinonimu ma sospensjoni kontemplata u li tista tiġi mposta biss minn "qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'liġi".*

8. *Illi b'konsegwenza ta' dak espress fil-paragrafu preċedenti, ir-rikorrent jagħmel riferenza ampja għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2016 fil-kawża "**Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), l-Onorevoli Prim' Ministru u l-Avukat Ġenerali**" (Rif Nru 87/2013JPG) fejn, inter alia, il-Qorti osservat li d-Direttur Ġenerali ma setax*

*jitqies bħala qorti mparzjali meta tali persuna qed jaġixxi fir-rwol ta' kemm prosekutur u kemm ġudikant; u li bl-applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq minn "qorti" irid jesisti f'kull stadju tal-proċeduri u mhux biss fl-istadju ta' appell.*

9. *Illi l-istess posizzjoni ġiet adottata iktar riċentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "**Rosette Thake noe vs Kummissjoni Elettorali et**" deċisa fit-8 ta' Ottubru 2018 (Rif Nru 25/17JZM) fejn ġie osservat li d-deċisjoni tal-Kummissjoni Elettorali li timponi multa ngenti ma tistax titqies biss bħala deċisjoni purament amministrattiva u "Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika, lokali u ewropea, ċitata in extenso mill-ewwel Qorti, u tosserva li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva għandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tingħata fil-liġi domestika, iżda tiddependi wkoll minn natura u mis-severita` tal-multa".*

10. *Illi fil-każ odjern id-deċisjoni meħuda mill-Awtorita ntimata ma tistax ma titqiesx ħlief li hija waħda ngenti u ta' natura punittiva fil-konfront tar-rikorrent u allura jiskatta d-dritt kontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta: "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ..... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi".*

11. *Illi għalhekk l-esponent jissottometti li l-Awtorita ntimata ma setgħetx tieħu d-deċisjoni li tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-public service garage licence tar-rikorrent fuq indikata għaliex tali misura drakonjana, punittiva u ta' konsegwenza enormi fuq in-negozju tar-rikorrent setgħet tittieħed biss minn "qorti" fid-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema definizzjoni ma tinkludix l-Awtorita ntimata.*

12. *Illi l-esponent umilment jissottometti li d-determinazzjoni dwar il-legalita o meno tad-deċisjoni meħuda mill-Awtorita appellata meritu ta' dan l-appell ma taqax fil-mansjoni ta' dan it-Tribunal u għalhekk jitlob li dwar tali kwistjoni issir id-debita riferenza lil Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali Tagħha.*

13. *Illi **assolutament bla preġudizzju għas-suespost**, l-esponent jissottometti li r-raġunijiet mogħtija mill-Awtorita appellata wara d-deċisjoni għas-sospensjoni tal-liċenzja tar-rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

14. *Illi għandu jiġi spjegat li fis-settur ta' kiri ta' karozzi, ir-rikorrent jopera d-doppju ta' vetturi ta' l-eqreb kompetitur tiegħu u ħafna iktar mid-doppju ta' kompetituri oħra. Inoltre peress li r-rikorrent, kuntrarjament għal operaturi oħra fis-settur, ma jagħmilx kummerċ fil-"leasing" fejn karozza tiġi mikrija*

*għal xhur u anke snin lil persuna/kumpannija waħda iżda biss f'kiri għal ġranet jew perjodi qosra, in-numru ta' klijenti tar-rikorrent huwa bil-bosta iktar konsiderevoli minn dawk ta' operaturi oħra u għalhekk l-inċidenza ta' nuqqas ta' qbil ossia complaints hija ħafna iktar elevata. Dan il-fatt pero qatt ma ġie apprezzat mill-MCCAA (Malta Competition and Consumer Affairs Authority) li effettivament tieħu ħsieb l-ilmenti li jsiru mill-klijenti tar-rikorrent.*

15. *Illi matul dawn l-aħħar sentejn ir-rappreżentanti anke legali tar-rikorrent skambjaw innumerevoli korrispondenza u għamlu diversi laqgħat mal-MCCAA fejn ippruvaw jikkoperaw sabiex jissodisfaw lill-Awtorita' fil-limiti ta' dak li jiddetta raġjonevolment l-operar tan-negozju fis-settur tar-rikorrent. Matul dawn in-negozjati r-rikorrent baqa' jindirizza u jsolvi kull ilment li kienet qed tirċievi l-imsemmija Awtorita'. Ħabta u sabta pero, fl-eqqel tas-sajf ta' 2018, perjodu fejn ir-rikorrent kien maqtul bix-xogħol, l-imsemmija Awtorita' (MCCAA) dehrilha li twaqqaf il-laqgħat u fit-18 ta' Settembru 2018 inizjat proċeduri amministrattivi ta' investigazzjoni kontra r-rikorrent abbażi tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378) (**Dok B**). Ir-rikorrent irrisponda għal dawn il-proċeduri b'sottomissjonijiet datati 2 ta' Ottubru 2018 (**Dok C)** fejn wara li rrileva li huwa jinnegozja madwar mitt elf (100,000) kirja ta' vetturi fis-sena, kkontesta kull allegazjoni ta' ksur indirizzat lilu mill-MCCAA u spiċċa sabiex informa lil dik l-Awtorita' li "It is therefore the exponent's hope that if any issues still remain, these are treated outside the ambit of the above Proceedings since the exponent believes that any punitive/disciplinary measures in his regard should be considered unnecessary and inappropriate."*

16. *Illi wara dawn is-sottomissjonijiet datati 2 ta' Ottubru 2018 u minkejja l-istedina appena imsemmija magħmula lil MCCAA (a) l-MCCAA ma ħadet ebda passi ulterjuri jew deċiżjoni fuq in-Notice of Investigation li kienet istitwiet bl-Avviż Dok B; (b) l-MCCAA qatt ma ittantat timponi xi multa kontra r-rikorrent kif kienet intimat fl-istess Notice of Investigation; (c) l-MCCAA qatt ma reġgħet talbet xi laqgħa oħra mar-rikorrent biex tirrisolvi l-ilmenti li hija kienet tirritjeni li kien fadal jiġu trattati; (d) l-MCCAA qatt ma nfurmat lir-rikorrent jekk kenitx irċeviet xi ilmenti oħra mingħand kerrejja ta' vetturi mingħand ir-rikorrent.*

17. *Illi inoltre r-rikorrent jirrileva u jikkonferma li mis-sajf tas-sena 2018 sallum, huwa ma rċieva ebda komunikazzjoni jew ilment mingħand l-Awtorita' ntimata, l-Pulizija Eżekuttiva jew l-Awtorita' tat-Turiżmu kif l-Awtorita' ntimata ssemmi fid-deċiżjoni ta' sospensjoni tal-liċenzja (Dok A).*

18. *Illi għalhekk ir-rikorrent jossottometti li jew l-Awtorita' ntimata qed tkun inveritiera meta tallega li l-Awtorita' tat-Turismu, l-MCCA, il-Pulizija Eżekuttiva u l-Awtorita' ntimata nnifisha kompliet jew għadha tirċievi lmenti*

*dwar l-operar tan-negozju tar-rikorrent jew alternattivament qed tammetti li jekk dawn l-awtoritajiet irċevew xi lmenti mingħand klijenti tar-rikorrent, huma naqsu li jirriferuhom lir-rikorrent sabiex abbażi tal-prinċipju tal-audi alteram partem huwa jkun fil-posizzjoni li jittratthom, jirrispondi dwarhom u jsolvi kif dejjem għamel. Ir-rikorrent jasserixxi li kull meta ġie mgħarraf b'xi ilment ta' klijent, dan l-ilment dejjem ġie risolt u rimedjat.*

19. *Illi li kieku kien hemm ċirkostanzi hekk serji kif qed tallega issa l-Awtorita', ir-rikorrent kien jippretendi illi kien jirċievi f'xi ħin ittra jew avviż mill-Awtorita' nnifisa sabiex tiġbidlu l-attenzjoni għal dan l-istat ta' fatt qabel ma jittieħed pass hekk drakonjan illi tiġi sospiża l-liċenzja tiegħu b'effett immedjat.*

20. *Illi sabiex japplika r-Regolament 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussisdjarja 499.58 "Regolament Dwar Servizzi Ta' Kiri Ta' Vetturi" għal każ in diżamina, trid ta' bilfors tavvera ruħha "bażi raġonevoli" u wkoll l-Awtorita' ntimata hija obbligata li tagħti r-raġunijiet li wassluha tieħu d-deċisjoni għas-sospensjoni tal-liċenzja.*

21. *Illi la teżisti bażi raġonevoli u wisq anqas ma ngħataw ir-raġunijiet li wasslu għas-sospensjoni tal-liċenzja, ħlief allegazzjonijiet vagi u ġenerali, tant li r-raġunijiet li ngħataw huma meri allegazzjonijiet qatt sostanzjati, u tant ukoll li wara t-2 ta' Ottubru 2018 qatt ma ntbgħatet xi tip ta' warning letter u qatt ma saret xi komunikazzjoni oħra mar-rikorrent mill-Awtorita' ntimata jew mill MCCAA, Pulizija Eżekuttiva jew Awtorita tat-Turismu.*

22. *Illi inoltre ma teżisti l-ebda "mġieba ħażina jew negliġenza jew raġunijiet aktar serji" ai termini tar-artikolu 7(2) proviso tal-liġi sussisdjarja 499.58 li b'xi mod kellhom iwasslu għas-sospensjoni mmedjata tal-liċenzja maħruġa mill-Awtorita' ntimata;*

23. *Illi l-Awtorita' ntimata naqset milli ssemmi r-raġunijiet vari li wasslu għas-sospensjoni tal-liċenzja u fl-ittra tagħha ta' sospensjoni nħbiet biss wara l-ġeneralita' ta' dawk li hi ssejħilhom "complaints" u wisq anqas qatt innotifikat lir-rikorrent b'tali complaints li hi ssostni "have been and continue to be lodged".*

24. *Illi in vista tas-suespost, id-deċisjoni meritu ta' dan l-appell kienet waħda għal kollox abużiva u illegali u għalhekk għandha tiġi revokata.*

***Għaldaqstant*** *l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex, għar-raġunijiet fuq imsemmija, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment opportun u prevja deċisjoni dwar il-kostituzjonalita tad-deċisjoni meħuda mill-Awtorita appellata:*

(1) *Jiddikjara li d-deċisjoni meħuda mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta sabiex jissospendi l-awtorizzazzjoni tal-public service garage licence tar-rikorrent bin-numru 52/91 fuq indikata anke jekk mhux b'effett immedjat għandha tiġi revokata;*
(2) *Jordna lil-Awtorita appellata sabiex tħassar l-ordni mogħtija lir-rikorrent sabiex ma jikrix vetturi reġistrati taħt l-imsemmija liċenzja tal-public service garage;*
(3) *Tordna lill-Awtorita appellata sabiex iġġedded kull liċenzja u/jew awtorizzazzjoni li r-rikorrent għandu mingħand l-Awtorita appellata;*
(4) *Tordna lill-Awtorita appellata sabiex iġġedded kull liċenzja ta' vettura li għandu r-rikorrent.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fil-15 ta' Frar 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Preliminarjament fir-rigward tal-aggravju preliminari mressaq mill-appellant relattiv għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, apparti mill-fatt li ma sar ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant kif qed jiġi minnu lamentat, ċertament li dan it-Tribunal mhuwiex vestit bil-kompetenza biex jinvestiga lanjanzi ta' natura kostituzzjonali u dan kif kjarament pronunzjat minn dan l-Onorabbli Tribunal stess fis-sentenza fl-ismijiet 'Eugene Cardona –vs- L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta magħrufa wkoll bħala Transport Malta' (Rikors Nru. 127/2013) deċiża fil-11 ta' Mejju, 2015 li fiha ġie miċħud aggravju simili ta' indoli kostituzzjonali u ġie enunċjat kif ġej:*

   *"Illi fir-rikors tal-appell odjern, ir-rikorrent iqajjem numru ta' aggravji, uħud rigwardanti leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Illi irid jingħad minnufih illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jippronunzja ruħu fuq kwistjonijiet ta' leżjoni ta' tali drittijiet. Dan huwa ċertament il-kompetenza ta' forum ieħor."*

   *Konsegwentement dan l-aggravju għandu jiġi sommarjament respint.*

2. *Illi, fil-mertu, id-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi u, kuntrarju għal dak li qed jiġi allegat mir-rikorrent, altru milli l-Awtorita' rispondenti kellha raġunijiet validi sabiex tasal għad-deċiżjoni minnha meħuda a tenur tar-Regolament 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.58 u dan kif evidenzjat*

*mill-farraġni ta' rapporti li saru kontra r-rikorrent u li kopja tagħhom qed tiġi hawn annessa bħala Dok. 'A' (il-faxxiklu sħiħ). Oltre dan ir-rikorrent jaf ben tajjeb – u dan se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors – illi huwa kien diġa ngħata diversi twissijiet u anke opportunitajiet sabiex l-operat tiegħu ma jkomplix iwaqqa' l-industrija tat-turiżmu u s-settur tal-kiri tal-karozzi f'Malta għar-redikolu u ż-żebliegħ tat-turisti li jżuru pajjiżna iżda għalkemm inizjalment ir-rikorrent, proprju biex jevita l-konsegwenzi illi issa qiegħed jirrinfaċċja, wera li kien se jikkopera mal-awtoritajiet u jindirizza l-problemi fl-operat tiegħu, appena deherlu illi l-kriżi kienet ġiet sorvolata, reġa' lura għall-prattiċi ta' qabel b'mod illi l-ilmenti dwar l-operat tiegħu reġgħu bdew deħlin fuq bażi kontinwa u regolari. Dan kollu kif ir-rikorrent jafu ben tajjeb u kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

3. *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti timmerita li tiġi konfermata u r-rikors preżentat mir-rikorrent appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 17 ta' Jannar 2019 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorita` intimata kienet issospendiet il-liċenzja ta' *public service garage* li kellu b'mod immedjat u dan abbażi tar-Regolament 7 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.58 li jipprovdi s-segwenti, u cioe`:

> *"(2) L-Awtorita' tista' f'kull ħin u fuq bażi raġonevoli tissospendi, tirtira jew tħassar awtorizzazzjoni billi tagħti lil operatur avviż bil-miktub li fih tagħti r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni, irtirar jew tħassir, iżda kemm-il darba ma jkunx hemm mġiba ħażina jew negliġenza jew raġunijiet aktar serji għal sospensjoni, teħid lura jew tħassir immedjat, id-data operattiva*

*ta' dak l-avviż m'għandhiex tkun inqas minn tmienja u għoxrin ġurnata mid-data tal-avviż."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrent kellu liċenzja biex jopera *public service garage* bi flotta ta' madwar elf, mija u ħamsa w erbgħin (1145) vettura.[1] Permezz tad-deċiżjoni appellata huwa ġie nfurmat biex iwaqqaf l-operat tiegħu ta' kiri ta' vetturi u dan peress li l-Awtorita` intimata u awtoritajiet oħra, fuq medda ta' żmien, kienu rċevew ammont konsiderevoli ta' lmenti minn klijenti li użaw is-servizzi ta' kiri ta' vetturi li kien joffri r-rikorrent. Huwa ġie nfurmat ukoll li kull liċenzja jew awtorizzazzjoni li kellu ma kinitx se tiġi mġedda u li anqas ma kienu se jiġġeddu l-liċenzji tal-vetturi li kien jikri.

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li d-deċiżjoni appellata ttieħdet bi ksur tal-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu hija ta' natura punittiva u allura jiskatta d-dritt kontemplat fiċ-ċitat artikolu u ċioe` li kellu jiġi mogħti smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Illi t-Tribunal jirrileva illi m'għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar lanjanzi kostituzzjonali għaliex tali lanjanzi huma riservati għal *fora* oħra. Illi dan ir-rikorrent jafu ben tajjeb għaliex fir-rikors promutur innifsu jitlob li ssir id-debita referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha. Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din it-talba għaliex it-Tribunal jista' jagħmel hekk biss wara li jkun iddeċieda eċċezzjoni dwar il-kompetenza tiegħu u mhux meta parti tintavola rikors b'lanjanzi kostituzzjonali quddiemu ben konsapevoli tan-nuqqas ta' kompetenza tal-istess Tribunal li jiddetermina tali lanjanzi. Illi fil-fehma tat-Tribunal ma kien hemm l-ebda xkiel għar-rikorrent li jipproċedi bil-lanjanzi tiegħu quddiem il-*forum* kompetenti. Kwindi din it-talba qiegħda tiġi miċħuda.

Illi r-rikorrent jisħaq ukoll illi d-deċiżjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u li sab id-deċiżjoni ma' wiċċu mingħajr ma' l-Awtorita` intimata avviċinatu qabel bil-problemi li kienet qed tirriskontra.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Awtorita` ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) kienet irċeviet għadd konsiderevoli ta' lmenti mingħand persuni, fil-maġġor parti tagħhom barranin, li xtraw is-servizz ta' *car hire* mingħand ir-rikorrenti u ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent għall-istess ilmenti. Jirriżulta wkoll li kienu saru xi laqgħat biex jiġu ndirizzati l-istess ilmenti u kien hemm ammont minnhom li r-rikorrent indirizza

[1] Ara Dokument BF1 a fol. 579

u l-ilment ingħalaq. Pero` kien hemm oħrajn li baqgħu pendenti. Jirriżulta pero` illi f'Settembru 2018 l-MCCAA inizjat proċeduri amministrattivi ta' investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrent.[2] L-istess rikorrent irribatta dak li kien qiegħed jiġi allegat permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Ottubru 2018, wara liema ma reġa' sema' xejn iktar mill-istess Awtorita` jew mingħand xi awtorita` oħra sakemm irċieva d-deċiżjoni appellata.

Illi fil-fehma tar-rikorrent ma kienet teżisti ebda bażi raġjonevoli għas-sospensjoni tal-liċenzja *de quo* ħlief għal allegazzjonijiet vagi, u wisq inqas ġiet ippruvata xi mġieba ħażina jew negliġenza da parti tiegħu li minħabba fihom kienet timmerita sospensjoni immedjata tal-liċenzja in kwistjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi mid-dokumenti annessi man-*Notice of Investigation* li l-MCCAA bagħtet lir-rikorrenti jirriżulta illi l-istess Awtorita` kienet irriskontrat numru ta' nuqqasijiet serji fl-operat tar-rikorrent. Illi da parti tiegħu ir-rikorrent tramite l-konsulent legali tiegħu indirizza l-punti mqajjma fl-ittra mibgħuta lilu.

**Ir-rikorrent** xehed illi l-Awtorita` intimata qatt ma kienet ikkomunikat miegħu dwar xi lmenti li kienu waslulha dwar il-kiri ta' vetturi u li pero` kellu kuntatt mal-MCCAA. Jispjega fejn kien hemm ilmenti ta' *overcharging* huma dejjem irrisolvew il-kwistjoni u taw il-flus lura. In kontro-eżami r-rikorrent stqarr illi fl-2016 huwa kien irċieva ittra oħra ta' sospensjoni mingħand l-Awtorita` intimata pero` qatt ma kienu saru laqgħat. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar laqgħat li nżammu fl-Awtorita` intimata mal-konsulent legali li kellu dak iż-żmien, ir-rikorrent wieġeb li ma kienx jaf b'dawn il-laqgħat. Mistoqsi jekk impjegati tiegħu kinux qalulu li attendew laqgħat ma' uffiċjali tal-Awtorita` intimata, r-rikorrent qal li ma kienx jaf b'dawn il-laqgħat.

**Joyce Borg**, Direttur Ġenerali tal-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, spjegat li lir-rikorrent kienu ġibdulu l-attenzjoni dwar diversi nuqqasijiet li kienu rriskontraw. Spjegat li peress li l-ilmenti kienu fil-maġġor parti minnhom minn barranin, kien qed jingħata isem ħażin lil Malta. Mistoqsija mid-difensur tar-rikorrent kemm-il ilment ġie solvut bonarjament hija stqarret li kienu ftit. Tispjega li wara li saret laqgħa f'Lulju 2018, l-MCCAA kienet qed tistenna risposta mingħand il-kunsulent legali tar-rikorrent, liema risposta pero` baqgħat ma waslitx u għalhekk f'Settembru 2018 bagħtu l-avviz ta' investigazzjoni.

[2] Dokument B a fol. 8

Mistoqsija għaliex wara li ħareġ l-avviż ta' investigazzjoni ma kinux ħadu deċiżjoni, ix-xhud wieġbet li kienu kawti għaliex fin-nofs kien hemm potenzjal ta' multi kbar ħafna. Tispjega li sa dakinhar li kienet qed tixhed kien għad m'hemmx deċiżjoni finali. Tispjega li l-uffiċju tagħha ma kellu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni appellata u ma kien hemm ebda diskussjonijiet mal-Awtorita` intimata fuq il-mertu ta' din id-deċiżjoni. Ix-xhud xehdet li huwa rrilevanti r-*ratio* bejn l-ilmenti u n-numru ta' kirjiet li għamel ir-rikorrent. Ix-xhud esebiet ukoll riassunt ta' kwantita` ta' lmenti li daħlu fl-Uffiċju tagħha dwar is-servizz mogħti mir-rikorrent.[3]

Illi r-rikorrent esebixxa dikjarazzjoni tan-numru ta' kuntratti ta' kiri li saru minnu f'perjodu ta' tnax-il xahar minn Settembru 2018 sa Awwissu 2019 b'total ta' 39,066 kirja. Esebixxa wkoll dokumentazzjoni dwar apparat imsejjaħ Record 360 li permezz tiegħu jiġi stabbilit b'mod elettroniku l-istat tal-vettura fil-bidu tal-kirja u l-istat tagħha fit-terminazzjoni tal-kirja, liema apparat beda jintuża fl-1 ta' Novembru 2018.

**Chantelle Bugeja**, impjegata ta' Princess Operations, stqarret illi l-istess soċjeta` kellha *franchise* tas-soċjeta` Goldcar li pero` ntemmet f'Diċembru 2019. Hija xehdet ukoll dwar xi lmenti ta' xi klijenti u kif dawn ġew *handled* mill-kumpanija biex instabet soluzzjoni.

**Pierre Montebello**, *Chief Officer* tad-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art, spjega li l-Awtorita` intimata irċeviet ilmenti fuq medda ta' snin u ċioe` mill-2016. Jispjega li għalkemm l-ammont ta' kirjiet kien kbir, l-ammont ta' lmenti kien kbir ukoll.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel ilment li se jiġi ndirizzat huwa dak sollevat mir-rikorrent fir-rigward tal-ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u iktar preċiżament il-prinċipju tal-*audi alteram partem*. Ir-rikorrent issottometta illi huwa ma ngħatax ċans iressaq 'il quddiem is-sottomissjonijiet tiegħu biex jirribatti dak li kienet qiegħda tallega l-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa konxju li ħafna mid-deċiżjonijiet li tieħu l-Awtorita` intimata jiġu preċeduti b'avviż li l-Awtorita` tkun se tieħu tali deċiżjoni. F'ħafna każijiet dan huwa rikjest mill-istess liġi. Illi pero`, f'każ ta'

[3] Dokument JB1 a fol. 716 *et sequitur*

sospensjoni ta’ liċenzja ta’ operatur ta’ *public service garage* il-liġi tagħti l-poter lill-Awtorita` intimata tissospendi minnufih il-liċenzja tal-operat jekk jirriżultalha li hemm raġunijiet serji u gravi li jirrikjedu li hija tissospendi l-liċenzja minnufih.

Illi t-Tribunal josserva illi l-ilmenti kienu ilhom jinġemgħu minn snin qabel l-Awtorita` intimata ddeċidiet li tissospendi minnufih il-liċenzja tar-rikorrenti. Fil-fatt ir-rikorrent innifsu jgħid li fl-2016 kien irċieva deċiżjoni ta’ sospensjoni oħra li pero` ma jirriżultax li daħlet in effett, u dan għaliex jirriżulta li komplew deħlin l-ilmenti u kwindi t-Tribunal għandu għaliex jifhem li r-rikorrent baqa’ jopera. Jirriżulta wkoll, għalkemm jista’ jkun li ma kienx preżenti r-rikorrenti, li l-Awtorita` intimata żammet laqgħat ma’ rappreżentanti tar-rikorrenti fejn ġew diskussi n-nuqqasijiet li l-Awtorita` kienet ġiet a konoxxenza tagħhom. Illi r-rikorrent kien ben konsapevoli li kien qed ikun hemm diversi problemi fl-operat tiegħu, kemm għaliex l-MCCAA kienet qed tiġbidlu l-attenzjoni, u kif ukoll anke għaliex għal laqgħat ma’ uffiċjali tal-Awtorita` intimata kienu jattendu rappreżentanti tiegħu u l-konsulent legali tiegħu. Illi filwaqt li r-rikorrent xehed illi huwa ma kienx jaf b’dawn il-laqgħat dan it-Tribunal ma huwiex konvint li kien qiegħed jgħid il-verita`. Illi għalhekk filwaqt li jista’ jkun li r-rikorrent ma kienx preżenti għal dawn il-laqgħat ċertament kien jaf bid-diversi lmenti li kienu qed jaslu għand l-Awtoritajiet fuq medda ta’ żmien u hu baqa’ ma ħa l-ebda azzjoni serja sabiex jiġu ndirizzati, almenu sa Novembru 2018 meta beda juża apparat magħruf bħala Record 360, fejn wara li beda jintuża l-istess apparat l-ilmenti naqsu xi ftit.

Illi r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi d-deċiżjoni appellata ma kinitx suffiċjentement motivata u dana għaliex l-Awtorita` intimata naqset li tindika x’kienu l-ilmenti li abbażi tagħhom l-operat tar-rikorrent ġie sospiż. Illi dan it-Tribunal josserva illi r-rikorrent kien ben konsapevoli tad-diversi lmenti, fost oħrajn għaliex l-MCCAA kienet ġibditlu l-attenzjoni għal iktar minn darba, tant li f’Settembru 2018 ħarġet Ordni ta’ Investigazzjoni fil-konfront tiegħu. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi għalkemm l-Awtorita` intimata ma niżżlitx kull ilment li kien daħal lill-awtoritajiet Maltin minn persuni barranin li użaw is-servizz tar-rikorrent, id-deċiżjoni notifikata lilu kienet ben motivata. Din ma kinitx xi deċiżjoni sorpiża fejn ir-rikorrent ġie f’kuntatt għall-ewwel darba mad-diversi lmenti mressqa minn persuni li wżaw is-servizzi tar-rikorrent. Fil-fehma tat-Tribunal ir-rikorrent kien ben konsapevoli illi s-sitwazzjoni ma kinitx daqshekk feliċi u kompla jippersiti fl-aġir tiegħu mingħajr ma jagħti rimedji sodisfaċenti għall-ilmenti ġustifikati li kien qed ikun hemm. Biżżejjed wieħed jara l-faxxiklu esebit mill-Awtorita` intimata mar-risposta tagħha li

jinkludi ammont ta' korrispondeza bejn l-Awtorita` u ċertu Lorry Caruana, liema persuna kienet qed tikkomunika mal-Awtorita` intimata għan-nom tad-ditta Goldcar kif rappreżentanta f'Malta mir-rikorrent.

Illi għaldaqstant dan it-Tribunal isib li dan l-aggravju mhux ġustifikat.

Illi permezz ta' aggravju ieħor ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni appellata ma kinitx waħda raġjonevoli. Ir-rikorrent jisħaq illi l-Awtorita` intimata injorat illi r-rikorrent kien jikri ammont kbir ta' vetturi kull xahar u kwindi l-ilmenti wkoll se jirriżultaw fi kwantita`. Illi bir-rispett kollu, dan it-Tribunal ma jarax loġika f'dan l-argument. Billi wieħed jippresta kwantita` kbira ta' servizzi ma jfissirx illi ta bil-fors irid ikun hemm kwantita` kbira ta' ilmenti. Ir-raġunament imressaq mir-rikorrenti ma jsegwix. Jekk wieħed jagħżel li jopera fis-suq bi kwantita` kbira ta' vetturi huwa forsi mistenni li jkun hemm xi lmenti. Il-problema pero`, fil-każ odjern, tirriżulta li l-ilmenti kienu ta' natura ripetittiva u baqgħu jippersistu għal diversi snin. Dan ifisser li r-rikorrent ma kellux interess li jirrimedja n-nuqqasijiet tiegħu biex l-ilmenti jonqsu. Komparat man-numru kbir ta' lmenti li kien hemm, huma biss ftit l-istess ilmenti li ġew indirizzati serjament mir-rikorrent.

Illi r-rikorrent jgħid ukoll illi d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kienet xprunata minn indħil tal-MCCAA. Illi dan it-Tribunal ma jara xejn ħażin fil-fatt li l-MCCAA ġabet l-ilmenti riċevuti minnha a konjizzjoni tal-entita` li tilliċenzja l-operat tar-rikorrent. Filwaqt li t-Tribunal jifhem li kull awtorita` għandha l-obbligi u d-doveri tagħha, ma jara xejn irregolari għall-fatt li l-MCCAA, li għandha d-dover li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumaturi, ġibdet l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata għal kwalunkwe azzjoni li setgħet tittieħed da parti tal-istess Awtorita`.

Illi għalhekk anke dan l-aggravju mhux ġustifikat.

Għaldaqstant it-Tribunal iqis li ma kien hemm xejn irraġjonevoli jew irregolari fil-mod kif aġixxiet l-Awtorita` intimata. Ma jirriżultax li ħadet id-deċiżjoni b'mod mgħaġġel, u dan għaliex fil-fehma tat-Tribunal għamlet perjodu twil tagħti ċans lir-rikorrent jirrimedja s-sitwazzjonijiet li kienu qed jinħolqu u li kienu qed jitfgħu dell ikrah fuq ir-reputazzjoni ta' pajjiżna. Jirriżulta li ma ttieħdet ebda azzjoni fil-konfront tar-rikorrent qabel Novembru 2018, u dan sar mhux mill-Awtorita` intimata iżda minn awtorita` oħra. Jirriżulta li sa Novembru 2018, u ċioe` meta r-rikorrent daħħal in operazzjoni r-Record 360, l-ilmenti kienu bil-gzuz. Dan it-Tribunal ma jistax ma jirrilevax illi l-Awtorita` intimata

rinfaċċjata b'dawk l-ilmenti kollha ħalliet din is-sitwazzjoni tippreċipita qabel ħadet azzjoni konkreta. It-Tribunal huwa tal-fehma illi fejn jidħlu dawn it-tip ta' deċiżjonijiet huwa tajjeb li wieħed jagħti opportunita` lil dak li jkun jirrimedja, pero` malli jirriżulta li s-sitwazzjoni mhux sejra għall-aħjar, allura għandu jkun hemm azzjoni iktar tempestiva u dan sabiex, kif ingħad hawn fuq, tiġi evitata ħsara irrimedjabli lir-reputazzjoni ta' pajjiżna anke b'artikli f'ġurnali influwenti barranin bħal ma hu evidenzjat mill-artikolu fil-London Sunday Times Business Section esebit a fol. 123 tal-proċess intitolat ***"Vehicle hire "cowboys" Goldcar blew holes in our holiday budgets"*** liema artikolu jitratta s-servizz ħażin mogħti mid-ditta Goldcar f'numru ta' pajjiżi, inkluż Malta.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**